## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. CHARLES GOUDER (KI. 413372M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**01/11/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil Charles Gouder** **Bin Carmelo u Doris nee' Mallia mwieled fil-05/07/1971 Pieta' u joqghod Blk A, Fl 15, Triq ic-Cikas, Zabbar ID: 413372(M)**

**BILLI inti akkuzat/a** talli fit-08/01/2022 ghall-habta ta' 12:15 hrs u fil-hinijiet ta' qabel, gewwa Triq il-Ponsjetta, Zabbar u gewwa dawn il-gzejjer Maltin

1. Bhala sid jew xufier tal-vettura bil-mutur nru: BAP 838, inqast li tara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta. **Sec. 14(3) LS 368.02**
2. Kellek vettura bil- mutur nru: BAP 838 fit- triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenza mahruga mill-Awtorita ghatt- Trasport f' Malta u nqast li ggeddida kull sena. **Reg. 13(2) L.S. 368.02**
3. Bhala sid il-vettura bil-mutur nru: BAP 838, inqast li twahhal id-diska tal-licenzja man-naha tax-xellug tal-windscreen b'mod li tkun tidher minn quddiem **Reg. 17(2)(a), L.S. 368.02**
4. Bhala persuna li/jew b'kitba, tpingija jew b'mod iehor biddilt, hassart jew sfigurajt jew zidt xi haga fil-licenza jew qieghdt fuq vettura diska ta' licenzja li tkun giet mibdula, thassret jew sfigurata jew gie mizjud xi haga fiha u cioe' kella licenzja ta' vettura ECG 894 **Reg. 44(3), L.S. 368.02**
5. Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek minn PS 2379 waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b'xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu **Sec. 338(ee), Chap. 9**

**U aktar inti akkuzat/a** talli fit-08/01/2022 ghall-habta ta' 12:23 hrs, gewwa Triq ic-Cikas, Zabbar u fl-inhawi tal-madwar

6. Soqt vettura bil-mutur nru: IBR 362, minghajr licenzja tas-sewqan **Sec 15(1)(a)(3), Chap. 65**
7. zajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur nru: IBR 362 fit-toroq, ghal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**
8. Kellek vettura bil- mutur nru: IBR 362fit- triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenza mahruga mill-Awtorita ghatt- Trasport f' Malta u nqast li ggeddida kull sena. **Reg. 13(2) L.S. 368.02**

9. Soqt vettura bil-mutur nru: IBR 362, li ma kelliex licenza **Sec. 15(1)(a)(3), Chap. 65**
10. Bhala persuna li/jew b`kitba, tpingija jew b`mod iehor biddilt, hassart jew sfigurajt jew zidt xi haga fil-licenza jew qieghdt fuq vettura diska ta` licenzja li tkun giet mibdula, thassret jew sfigurata jew gie mizjud xi haga fiha **Reg. 44(3), L.S. 368.02**
11. Ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat. (Licenzja tal-vettura) **Sec. 189, Chap. 9**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 2379 S. Zammit (affidavit), Karen Cremona (Transport Malta), Kenneth Pace (Transport Malta) u kif ukoll ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li xehdu fil-kawża Pulizija v. Eveline Pileckaite (deċiża 14/07/2022 u li ġew reżi applikabbli għall-kawża odjerna fuq ordni tal-Qorti wara li laqgħet talba tal-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward);

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Vettura bil-mutur nru BAP 838*:

Il-Qorti tqis illi ġie ppruvat sal-grad rikjest mill-liġi illi din il-vettura kienet fit-triq mingħajr ma' kellha liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida, mingħajr ma' kellha d-diska tal-liċenzja mwaħħla man-naħa tax-xellug tal-*windscreen* b'mod li tkun tidher minn quddiem; u li fiż-żmien tal-allegat reat kienet reġistrata fuq l-imputat.

Madanakollu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni l-piena imposta (LS 368.02, Reg. 14(4)) hija waħda amministrattiva li ma' taqax taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, għalkemm ir-Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jipprojbixxi l-fatt illi vettura tkun fit-triq (kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża) mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida (jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenzja temporanja valida), madanakollu l-liġi ma' tipprovdix ghall-piena għal min **bħala sid** ta'

vettura tinstablu l-vettura tiegħu fit-triq bi ksur tar-Reg. 13(2). Huwa biss meta s-sid jinqabad isuq dik il-vettura illi l-liġi tipprovdi għal piena (kemm taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 u kemm taħt il-Kap. 65).

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-aġir ta' xi ħadd li jkollu vettura mgħammra b'windscreen tal-ħġieġ u li ma' jkollux id-diska tal-liċenzja mwaħħla fuq in-naħa tax-xellug tal-windscreen b'mod li tkun tidher minn quddiem huwa sanzjonat taħt ir-Regolament 17(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Strettament il-leġislatur ma' jipprovdix piena speċifika għal dan ir-reat għaliex l-eqreb reat li jista' japplika (li miegħu hemm abbinata piena), dak ravviżat taħt ir-Regolament 44(7)(c) tal-istess LS 368.02, jipprovdi għal piena ta' €25 għas-sewqan jew tħallija fit-triq ta' vettura mingħajr ma' l-liċenzja tkun imwaħħla mal-*windscreen* **irrispettivament mill-posizzjoni tagħha u mill-fatt jekk tidhirx minn quddiem jew le**.

Mill-provi jirriżulta illi liċenzja taċ-ċirkolazzjoni kien hemm mwaħħla mal-*windscreen* tal-vettura pero din kienet tappartjeni lill-vettura oħra.  Fi kwalunkwe każ, anke li kieku l-fatt kontemplat taħt ir-Regolament 44(7)(c) tal- LS 368.02 ġie ppruvat, il-Qorti xorta kienet tkun tenuta ma' timponiex il-piena applikabbli. Dan għaliex kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi.

Għalhekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat mill-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ma' tressqet l-ebda prova illi l-imputat biddel, ħassar, sfigura jew żied xi ħaġa fil-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tal-vettura, jew  li qiegħed fuq l-istess vettura xi diska ta' liċenzja li tkun ġiet mibdula, tħassret, ġiet sfigurata jew li ġie miżjud xi ħaġa fiha. Il-Qorti għalhekk ser tillibera ukoll minn din ir-raba' imputazzjoni.

Fir-rigward tal-ħames imputazzjoni l-Qorti toqgħod fuq ix-xhieda ta' PS 2379 S. Zammit li ddikjara fl-affidavit maħluf tiegħu illi meta huwa kellem lill-imputat rigward din il-vettura u ordnalu sabiex jirritornalu l-liċenzja li kellu mal-*windscreen* peress li din kienet ta' vettura oħra,

---

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

dan baqa' ma' tfaċċax l-Għassa tal-Pulizija minkejja li stqarr miegħu li kien ser jagħmel hekk nhar id-9 ta' Jannar 2022 wara s-sitta ta' filgħaxija. Issa huwa veru illi rriżulta illi l-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tal-vettura targata BAP 838 kienet skadiet sa' mit-28 ta' Frar 2021, pero dan ma' jiġġustifikax in-nuqqas tal-imputat illi jiġi jaqa u jqum minn ordni leġittima tal-Pulizija u jinjora din l-istess ordni. Bħala minimu l-imputat kellu tal-inqas jirrapporta l-Għassa u jew iġib miegħu l-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni skaduta jew inkella jinforma lill-Pulizija illi anqas din ma' kienet fil-pussess tiegħu. Għalhekk il-Qorti sejra ssib ħtija fuq din il-ħames imputazzjoni.

*Vettura bil-mutur nru IBR 362*:

Fir-rigward tas-sitt, seba', tmien u disa' imputazzjonijiet, jirriżulta ppruvat mix-xhieda ta' PS 2379 S. Zammit, Karen Cremona (Transport Malta) u Kenneth Pace (Transport Malta) illi l-imputat kien qed isuq din il-vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan (u dan għaliex il-liċenzja kien ġiet revokata bil-punti u rritornata personalment mill-imputat lil Transport Malta fil-15 ta' Diċembru 2021), mingħajr kopertura ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, b' liċenzja taċ-ċirkolazzjoni skaduta u *ergo* mingħajr liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida. Il-Qorti tara li ġew ippruvati l-imputazzjonijiet numru sitta, seba' u disgħa.

Pero fir-rigward tal-fatti li bihom ġie imputat fl-imputazzjoni numru tmienja (li kellu vettura fit-triq mingħajr liċenzja taċ-ċirkolazzjoni) il-Qorti ma' tistax teroga piena peress illi l-piena applikabbli (i.e. dik taħt ir-Reg. 44(7) tal-L.S. 368.02) ma' tistax tiġi enforzata għar-raġunijiet fuq imsemmija.

L-imputazzjoni numru għaxra ma' tirriżultax pruvata stante illi għalkemm il-vettura li kellha l-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tagħha falsifikata kienet qed tinstaq mill-imputat, madanakollu ma' tressqux provi illi kien hu personalment li wettaq l-imsemmija falsifikazzjoni.

L-imputazzjoni numru ħdax (dik li l-imputat wettaq falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument **<u>ieħor</u>** falsifikat) ma' tirriżultax għas-segwenti raġunijiet. Il-kliem użat fl-Artikolu 189 tal-Kap. 9 jindikaw b'mod ċar illi l-użu ssanzjonat minn dan l-artikolu huwa "***<u>użu minn xi dokument ieħor</u>*** (emfasi miżjuda mill-Qorti) **<u>falsifikat</u>**, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu". Ġaladarba l-artikoli ta' qabel l-Art. 189 tal-Kap. 9 jirrigwardaw *inter alia* l-użu ta' dokumenti pubbliċi li jkunu falsifikati, huwa ċar illi l-Artikolu 189 ma' japplikax għal

dokumenti pubbliċi bħad-dokument in kwistjoni (i.e. liċenzja taċ-ċirkolazzjoni ta' vettura). *Se mai*, seta' japplika r-reat ravviżat taħt l-Art. 184 tal-Kap. 9.

**Deċiżjoni**

Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru 1, 2, 3, 4, 8, 10 u 11, u wara li rat l-Art. 338(ee) tal-Kap. 9, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru 5, 6, 7 u 9.

Tikkundannah għalhekk iħallas il-multi fis-somma komplessiva ta' € **3,200** pagabbli fi **32** pagamenti mensili ugwali (ai termini tal-Kap. 9 Art. 14(2)).

Tiskwalifikah milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' **13-il xahar.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**